**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 267/2023**

**Mario Balzan et**

**Vs**

**Catherine Asciak et**

**Illum, 8 ta' Mrazu, 2023**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ghal hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni datat 20 ta'Frar,2023.

Rat li l-istess rikors gie debitament notifikat u li giet intavolata risposta ghall-istess.

Illi semghet id-debita trattazzjoni.

Illi l-Qorti b'mod sintetiku tfakkar fl-elementi necessarji li jsostnu din it-tip ta' talba;

Il-jedd,jedd li qieghed a favur r-rikorrenti dejjem sa livell ta' prima facie ukoll jekk mhux kawtelat dan il-jedd ir-rikorrenti se jsofru pregudizzju irrimedjabbli.

Kif inhu risaput l-ezami li trid tghamel il-Qorti f'dawn il-proceduri hu limitat sal livell ta' prima facie. Xejn izjed approfondit ma huwa permess. Ghalhekk il-Qorti zgur li mhux se tezamina fil-mertu il-kapacita tal-konjugi Balzan u meta kienu hekk affetwati qabel l-interdizzjoni.

Tqis ukoll li l-vertenza hija wahda li tista tigi sodisfatta b'ammont likwidat, ghalhekk m'hemmx dik l-irrimedjabilta li trid il-ligi.

Konsegwentament it-talba qed tigi michuda spejjez ghar-rikorrenti.

Tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tal-20 ta' Frar,2023.

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**
**Imhallef**